# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Sbatax (17) ta’ Marzu 2021**

**Rikors Numru 323/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Hans Jan Jongenburger**
**(Passaport Olandiż BEJ1D8JFO)**

**Vs**

**Mediterranean Aviation Company Limited**
**(C 4145)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta’ April 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi fl-1 ta’ April ta 2007 ir-rikorrent daħal f’kuntratt ta' impjieg ta’ żmien definit għal-tlett (3) snin mas-soċjeta’ konvenuta (anness u mmarkat bħala Dok HJJ 1) bħala ‘pilot', b’dan il-kuntratt jiġi estiż għall-wieħed indefinit wara t-30 ta’ April 2010. Dan b'salarju annwu ta' tnejn u sebgħin elf Ewro (€72,000) fis-sena.*

    2. *Illi kif jidher ċar mill-kuntratt surrefert fl-ebda stadju tal-kuntratt m’hemm imniżżel jew inkluż li l-mansjonijiet tiegħu fir-rwol ta’ ‘pilot’ jinkludu wkoll it-tħarriġ ta’ piloti ġodda mas-soċjeta’.*

    3. *Illi r-rikorrent baqa’ u għadu jaħdem bħala pilota, mill-2007 sal-ġurnata tal-lum mas-soċjeta’ konvenuta Mediterranean Aviation Company Limited (il-quddiem “Medavia") bl-istess rikorrenti jingħata diversi żidiet fil-paga li wasslu sabiex sad-data tal-2017 huwa kien*

*qiegħed jaqla' salarju annwu ta' ċirca erbgħa u disgħin elf, tmien mija u tnejn u disgħin Ewro (€94,892) fis-sena. (Ara l-payslips annessi u mmarkati bħala Dok HJJ2).*

4. *Illi tajjeb jiġi rilevat illi tul dan il-perjodu kollu ir-rikorrent qatt ma rċieva kuntratt tax-xogħol imġedded jew aġġornat.*

5. *Illi kif ser jiġi spjegat aħjar fil-mori tal-kawża, fis-sena 2008, u kif kien hemm influss ta' piloti ġodda mas-soċjeta' konvenuta, r-rikorrent ġie mistoqsi u mitlub illi jagħmel it-tħarriġ tal-piloti u dan aċċetta illi jsir waqt il-ħinijiet tax-xogħol. Illi eventwalment dan it-tħarriġ beda jsir waqt l-'off duty days' f'liema ġranet hu ma jkunx qiegħed skedat li jtir. Dan kollu kien isir mingħajr ebda tip ta' ħlas jew remunerazzjoni żejda mill-paga bażika tiegħu.*

6. *Illi dan l-irwol ta' tħarriġ evolva matul iż-żmien tant illi r-rikorrent spiċċa mhux biss jagħti tħarriġ iżda wkoll jeżamina u jevalwa l-piloti li kienu qegħdin jirċievu t-tħarriġ.*

7. *Ir-rikorrent kompla jagħmel dan ix-xogħol extra għal-diversi snin u mingħajr ebda tip ta' ħlas jew remunerazzjoni żejda, iżda staqsa sabiex jieqaf jagħmel dan f'April tal-2016. Din ir-rikjesta ġiet irrifjutata mis-soċjeta' konvenuta u għaldaqstant ir-rikorrent baqa' jagħti dan it-tħarriġ.*

8. *Illi f'April 2017, r-rikorrent illi għandu iżjed minn sittin (60) sena, iddeċieda darba għal dejjem li ried jieqaf jagħti dan it-tħarriġ għaliex kien qiegħed jikber fl-eta u ried ikollu iżjed ħin liberu xi jqatta' mal-familjari tiegħu.*

9. *Illi għaldaqstant, f'April tas-sena 2017 ir-rikorrent avża verbalment lill-imgħallem tiegħu Mr. Gerry Proehl illi huwa ried jieqaf jagħti dan it-tħarriġ tal-piloti u effettivament waqaf jagħmel dan lejn l-aħħar ta' l-istess xahar.*

10. *Illi r-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta wara diskussjonijiet verbali fejn pruvaw jikkonvinċu lir-rikorrent sabiex ikompli jagħti t-tħarriġ, infurmaw lill-istess rikorrent permezz ta' email datata 15 ta' Ġunju 2017 (annessa u mmarkata bħala DOK HJJ3) illi in vista tal-waqfien fit-tħarriġ li kien jagħti, huma kienu ser inaqqsulu ammont sostanzjali mill-paga bażika tiegħu. Illi wara li dan ġie kkontestat mir-rikorrent is-soċjeta' konvenuta irrispondietu permezz ta' email oħra datata 23 ta' Awissu 2017 (annessa u mmarkata bħala Dok HJJ4) fejn ġie spjegat lilu illi bħala 'gesture of goodwill' dan it-tnaqqis ma kienx ser isir mill-ewwel iżda kien ser jibda jitnaqqas mill-paga ta' Awissu 2017, 'il quddiem. Dan ġie segwit b'komunikazzjoni uffiċjali dwar dan datata 22 ta' Awissu 2017 (annessa u mmarkata bħala Dok HJJ5).*

11. *Illi minn Awissu tal-2017 il-quddiem (u ċioe' sal-ġurnata tal-lum) il-paga tar-rikorrent ġiet imnaqqsa minn sebgħat elef, disgħa mija u sebgħa ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€7,907.73) fix-xahar gross*

*għal sebgħat elef, tlett mija u erba' Ewro u erbgħin ċenteżmu (€7,304.40) fix-xahar gross u għaldaqstant bi tnaqqis ta' ċirca sitt mija u tlett ewro (€603) fix-xahar.*

12. *Illi sal-ġurnata tal-lum dan it-tnaqqis jammonta għas-somma totali ta' erbgħat elef, tmien mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€4,824) illi ser jibqa' jiżdied b'sitt mija u tlett Ewro (€603) fix-xahar sakemm is-soċjeta' Medavia tkompli tinsisti b'dan it-tnaqqis abbużiv.*

13. *Illi minkejja li ntbagħtu diversi ittri interpellatorji lis-soċjeta' konvenuta f'isem r-rikorrent (annessi u mmarkati bħala Dok HJJ6), s-soċjeta' konvenuta baqgħet, u għada sal-gurnata tal-lum inadempjanti tnaqqas s-somma ta' sitt mija u tlett Ewro (€603) fix-xahar minn kull paga li jaqla' r-rikorrent.*

14. *Illi dan it-tnaqqis sar b'mod unilaterali, mingħajr ebda awtorizzazzjoni u mingħajr ebda awtorita jew klawżola kuntrattwali minn naħa tas-soċjeta' konvenuta.*

15. *Illi tul dawn l-aħħar ħdax (11) il-sena r-rikorrent dejjem kien impjegat lejali, eżemplari u diliġenti, li dejjem qeda dmirijietu bir-reqqa u fl-aħjar interess tas-soċjeta' Medavia li tħaddmu, iżda ma jistax jibqa' jaċċetta dan l-aġir abbużiv minn naħa tas-soċjeta' konvenuta li għadha tħaddmu sa llum.*

16. *Illi dan it-tnaqqis abbużiv tal-paga tar-rikorrent (i) la hu espressament permess mid-dispożizzjonijiet tal-Att jew meħtieħ b'xi liġi oħra (ii) la hu ordnat b'ordni tal-Qorti kompetenti (iii) la ġie miftiehem bejn trade union u prinċipal jew fi ftehim kollettiv (iv) u lanqas huwa awtorizzat mid-Direttur tax-Xogħol u għaldaqstant huwa illegali u illeċitu ai terminu tal-Artikli 15(1) u/jew 19(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost u għar-raġunijiet premessi, r-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

1) *Tiddikjara u tikkonferma illi t-tnaqqis unilaterali ta' sitt mija u tlett Ewro (€603) fix-xahar illi sar minn Awissu 2017 sad-data ta' llum u li qiegħed jippersisti preżentement, huwa abbużiv u llegali inter alia ai termini tal-Artikli 15(1) u/jew 19(1) tal-Kap 452;*

2) *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent rappreżentanti t-tnaqqis tal-istess paga mensili minn Awissu 2017 sad-data li fiha jieqaf dan t-tnaqqis;*

3) *Tordna l-konsegwenti ħlas tad-danni hekk kif likwidati bl-interessi u spejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.*

2. Rat illi fil-11 ta' Mejju 2018, s-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

1. *Illi, r-rikorrenti Hans Jan Jongenburger kien impjegat mas-soċjeta' intimata mill-1 ta' April 2007 u kien ingaġġat sabiex jaħdem bħala pilota u sabiex iħarreġ u jeżamina piloti tas-soċjeta' intimata. In fatti, u kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża l-attur ġie magħżul biex jaħdem mas-soċjeta' intimata speċifikament għaliex kellu l-esperjenza sabiex jagħti tali taħriġ lill-piloti oħra (Vide Curriculum Vitae tar-rikorrenti hawn annessa u mmarkata bħala "Dok MD1");*

2. *Illi, fil-prattika u kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża, mill-bidu tal-impjieg tiegħu u tul l-impjieg tiegħu, l-attur dejjem kopra żewġ irwoli importanti - dak ta' pilota u dak li jħarreġ u jeżamina piloti tas-soċjeta' intimata. In fatti, għandu jingħad li minħabba li r-rikorrenti kien ikopri l-irwol ta' pilota kif ukoll kien iħarreġ piloti oħra, huwa dejjem kellu paga aktar għolja minn piloti oħra li huma komparabbli miegħu;*

3. *Illi, ġara li ċirca fil-bidu ta' April 2016, ir-rikorrent informa lis-soċjeta' intimata li huwa ma xtaqx jagħti t-taħriġ jew jeżamina piloti oħra u f'April 2017 ha deċiżjoni unilaterali li ma xtaqx ikompli jagħti t-taħriġ lill-piloti oħra u kien hemm korrispondenza varja bejn ir-rikorrent u s-Sur Ivan Refalo (HR & Corporate Communications Manager) u sa mill-bidu nett is-Sur Refalo kien informa lir-rikorrent li jekk huwa xtaq li ma jkoprix l-irwol ta' istruttur, is-salarju tiegħu għandu jiġi aġġustat sabiex jirrifletti tali bidla (Vide Korrispondenza elettronika bejn Ivan Refalo u l-attur annessa u mmarkata bħala "Dok MD2").*

4. *Illi, wkoll, mill-korrispondenza bejn is-soċjeta' intimata u r-rikorrent, jidher li r-rikorrent ma opponiex li s-salarju tiegħu jiġi aġġustat u dan għaliex huwa kien jaf li s-salarju tiegħu kien ikopri l-irwol ta' istruttur;*

5. *Illi, kif ser jiġi ppruvat u trattat waqt il-mori tal-kawża, l-artikoli 15 (1) u 19(1) tal-Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) ma japplikawx għall-każ odjern in kwantu dawn jitrattaw kwistjonijiet ta' tnaqqis tal-paga u huma bbażati fuq premessa li l-paga hija dovuta lill-impjegat, mentri l-kwistjoni odjerna hija dwar aġġustament tas-salarju għaliex l-impjegat iddeċieda b'mod unilaterali li ma jkoprix iżjed l-irwol ta' istruttur.*

6. *Għalhekk u kif ser jiġi ippruvat fil-mori tal-kawża it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat ix-xhieda ta' **Ivan Refalo**, Human Resources and Corporate Communications Manager tas-soċjeta' intimata, prodott mir-rikorrent u mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2018. (fol 67)

5. Rat l-affidavit ta' **Hans Jan Jongenburger** ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2019. (fol 71)

6. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Ivan Refalo mogħtija fis-27 ta' Marzu 2019. (fol 76)

7. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-8 ta’ Ottubru 2019.

8. Semgħet ix-xhieda ta’ **Mark Shaw**, Head of Ground Operations tas-soċjeta’ intimata, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-12 ta’ Novembru 2019. (fol 85)

9. Semgħet ix-xhieda ta’ **Jean Paul Fenech**, Deputy Compliance Office Manager fi ħdan is-soċjeta’ intimata, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-12 ta’ Novembru 2019. (fol 94)

10. Rat illi fid-9 ta’ Lulju 2020, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta.

11. Rat l-affidavit ta’ Ivan Refalo ippreżentat fl-14 ta’ Ottubru 2020. (fol 107)

12. Semgħet ix-xhieda in kontro ezami, mogħtija permezz ta’ video conferencing, tar-rikorrent Hans Jan Jongenberger mogħtija fit-3 ta’ Diċembru 2020.

13. Rat illi fit-3 ta’ Diċembru 2020, il-partijiet qablu illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

14. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi ingħatat fl-24 ta’ Frar 2021, wara liema trattazzjoni il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti

15. Jirriżulta illi r-rikorrent, Hans Jan Jongenberger huwa bdot, ossija pilot, u ġie ingaġġat mis-soċjeta’ intimata Mediterranean Aviation Company Limited, magħrufa bħala Medavia, fl-1 ta’ April 2007, sabiex jipprovdi s-servizzi ta’ bdot, kif jidher speċifikat fi klawsola 2 (1) ta’ l-istess kuntratt (fol 8)

16. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrent kien preċedentement ġia’ jipprovdi s-servizzi tiegħu bħala bdot lis-soċjeta’ intimata, u dana tramite soċjeta’ Olandiza illi kienet ġiet ingaġġata mis-soċjeta’ intimata. Kien għalhekk illi fis-sena 2007 s-soċjeta’ intimata ingaġġat lir-rikorrent, b’effett mill-1 ta’ Mejju 2007, bħala bdot.

17. Jirriżulta illi ftit wara illi ngħata l-kuntratt ta’ impjieg, in vista tal-fatt illi s-soċjeta’ intimata bdiet tingaġġa bdoti oħra magħha, huwa ntalab sabiex jagħti taħriġ lil tali bdoti, rikjesta illi huwa ħass li kellu jagħmel għas-soċjeta’ intimata, għalkemm mhux inkluż fil-kuntratt tiegħu, peress illi kien għadu ġdid mas-soċjeta’ intimata, u ma riedx jiksirha minn mas-soċjeta’ intimata.

18. Jirriżulta illi inizjalment tali taħriġ beda jsir waqt il-ġranet tax-xogħol tiegħu, iżda, maż-żmien, beda jintalab jagħti tali taħriġ ukoll fil-ġranet fejn huwa ma kellux jaħdem.

19. Fl-ebda stadju ma r-rikorrent qatt ingħata kumpens addizzjonali għal tali servizzi ta’ taħriġ, u l-kuntratt tiegħu, li kien ta’ tlett snin, ġie mġedded u sussegwentement sar kuntratt permanenti u qatt ma sar ebda addendum u tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

20. Jirriżulta illi f’April 2017, wara għaxar snin mas-soċjeta’ intimata, għarrafhom illi huwa kien ser jieqaf jagħti taħriġ, fatt illi s-soċjeta’ intimata ma ħaditx gost biha, tant illi ppruvat tikkonvinċieh jibqa’ jagħti tali taħriġ.

21. Jirriżulta illi, eventwalment, is-soċjeta' intimata għarrfet lir-rikorrent f'Awissu 2017 illi kien ser jibdew inaqqsulu għaxra fil-mija (10%) mill-paga tiegħu b'effett minn Awissu 2017, minkejja illi r-rikorrent oġġezzjona għal tali tnaqqis.

22. Jirriżulta illi, mument minnhom, waqt in-negozjati li kienu qed isiru bejn il-partijiet riżultat tad-deċiżjoni tar-rikorrent illi ma jibqax jagħti taħriġ, huwa kien offra li jaqbel li titnaqqaslu l-paga b'ħamsa fil-mija (5%), għalkemm insista illi l-kuntratt tiegħu ma kien jipprovdi għal ebda taħriġ, iżda s-soċjeta' intimata irrifjutat tali offerta u insistiet li tnaqqasslu b'għaxra fil-mija (10%).

23. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata dejjem insistiet illi meta ingaġġat lir-rikorrent l-ewwel darba, hija ingaġġatu in vista tal-esperjenza illi huwa kellu fil-qasam tat-titjir u illi għalhekk seta' jħarreġ bdoti oħra illi s-soċjeta' intimata kienet ser tingaġġa magħha.

24. Is-soċjeta' intimata insistiet illi l-bdoti l-oħra illi ġew ingaġġati wara li beda jaħdem magħhom r-rikorrent kellhom lkoll allowance ta' ghaxra fil-mija (10%) indikata bħala Training and Examining Allowance, liema allowance hija insistiet illi kellha tapplika wkoll għar-rikorrent u għalhekk, ladarba huwa għażel illi ma jkomplix joffri s-servizzi tiegħu ta' taħriġ, il-paga tiegħu kellha titnaqqas b'għaxra fil-mija (10%).

25. Minkejja varji interpellazzjonijiet da parte tar-rikorrenti sabiex s-soċjeta' intimata tħallsu dak lilu dovut, is-soċjeta' intimata baqgħet tnaqqaslu l-għaxra fil-mija (10%) minnha deċiż, u għalhekk saret il-kawża odjerna.

26. Jirriżulta illi r-rikorrent baqa' jaħdem mas-soċjeta' intimata sa' Marzu 2019, meta huwa irtira mix-xogħol.

27. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi li minn meta bdew inaqqsulu l-paga, s-soċjeta' intimata kienet abbużivament naqqset l-ammont ta' sitt mija u tlett Euro (€603) fix-xahar li, sad-data meta huwa waqaf jaħdem kien komplessivament jammonta għal tnax-il elf u sittin Euro (€12,060).

**Ikkunsidrat**

28. Jirriżulta illi l-azzjoni tar-rikorrent hija bbażata fuq il-kuntratt ta' impjieg illi huwa kellu mas-soċjeta' intimata, liema kuntratt ġie ffirmat fl-1 ta' April 2007, b'effett mill-1 ta' Mejju 2007 u qatt ma ġie rinegozjat jew mibdul mill-partijiet u baqa' viġenti bejn il-parijiet sa dakinhar meta r-rikorrent ittermina l-kuntratt f'Marzu 2019.

29. Jirriżulta illi f'tali kuntratt, jingħad bl-aktar mod ċar, illi:

> *"The Employer is employing the Employee as a pilot to perform his duties on aircraft owned, chartered or otherswise used by it."*

30. Jirriżulta wkoll illi f'tali kuntratt, kien hemm indikat fi klawsola 3 (1) illi r-rikorrent kellu salarju annwali ta' €72,000 flimkien ma' *Allowances* stipulati fi klawsola 3 (4) ta' '*subsistance allowance*' meta jaħdem ġewwa l-Libya kif ukoll "*unaccompanied (single) accomodation*" u "*daily lump sum*" meta jaħdem barra l-Libya u Malta.

31. Jirriżulta illi mkien fil-kuntratt ta' impjieg ma' hemm obbligazzjoni fuq ir-rikorrent illi jagħti taħriġ lil bdoti oħra.

32. Jirriżulta wkoll illi mkien fil-kuntratt ta' impjieg ma hemm indikat illi għandu *allowance* ta' għaxra fil-mija (10%) għal taħriġ.

33. Għalhekk, jidher ċar illi l-arranġament li kien hemm, fejn ir-rikorrent kien qiegħed jagħti taħriġ lill-bdoti oħra ingaġġati mis-soċjeta' intimata, kienet deċiżjoni unilaterali meħuda mir-rikorrent u li minnha seta', f'kull mument, jirtira minnha stante illi ma kellu ebda obbligu kuntrattwali illi jipprovdi tali servizz.

34. Jidher ċar ukoll, mill-istess kuntratt, illi ma kien hemm ebda *allowance* ta' għaxra fil-mija għal taħriġ, kif is-soċjeta' intimata insistiet mar-rikorrenti, kemm qabel il-proċedimenti odjerni, kif ukoll fid-difiża għat-talbiet odjerni tar-rikorrent.

35. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu illi mument minnhom ir-rikorrent kien dispost jaċċetta tnaqqis fil-paga ta' ħamsa fil-mija (5%) sabiex jaġevola lis-soċjeta' intimata, dina kienet deċiżjoni unikament tiegħu li ma kellu obbligu illi jagħmel, li kienet iddettata mir-relazzjoni tajba ta' impjieg ta' aktar minn għaxar snin, u ladarba s-soċjeta' intimata għażlet li ma taċċettax tali offerta, is-soċjeta' intimata issa ma setgħetx tasal għall-konklużjoni illi tali offerta kienet indikazzjoni ċara li r-rikorrent kien a korrent tal-obbligu tat-taħriġ fuqu imposta u għalhekk setgħet tipproċedi bl-aġġustament fil-paga tiegħu.

36. Huwa ċar, mill-assjem tal-provi, illi d-deċiżjoni tas-soċjeta' intimata meħuda f'Awissu 2017, fejn b'effett minn Awwissu 2017, naqqset l-ammont ta' sitt mija u tlett Euro (€603) fuq bażi mensili mill-paga tar-rikorrent, ma kinetx aġġustament fis-salarju tar-rikorrenti abbażi tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu, iżda kienet tnaqqis tal-paga tiegħu, deċiża unilateralment mis-soċjeta' intimata u li ma kinetx ibbażata fuq il-kuntratt ta' impjieg tiegħu iżda bbażata fuq '*policy*' adoperata mill-istess soċjeta' intimata mal-bdoti ingaġġjati magħha <u>wara</u> l-impjieg tar-rikorrent u li ppretendiet illi tenforza fuq ir-rikorrent ukoll għalkemm mhux ikkontemplata fil-ftehim tiegħu.

37. Għalhekk, is-soċjeta' intimata ma kellha ebda dritt illi tnaqqas l-ammont ta' sitt mija u tlett Euro (€ 603) fix-xahar mis-salarju tar-rikorrent, bir-riżultat illi hija issa obbligata tirrifondi l-pagamenti kollha minnha mnaqqsa, li komplessivament jammontaw għal tnax-il elf, u sittin Euro (€12,060).

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' intimata, u għalhekk;

**Tilqa'** t-talba kif dedotti u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi t-tnaqqis unilaterali ta' sitt mija u tlett Ewro (€603) fix-xahar illi sar minn Awissu 2017 sa' Marzu 2019 kien abbużiv u llegali ai termini tal-Artikli 15(1) u/jew 19(1) tal-Kap 452;

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrent rappreżentanti t-tnaqqis tal-istess paga mensili minn Awissu 2017 sa' Marzu 2019 fl-ammont ta' tnax-il elf u sittin Euro (€12,060);

**Tordna** lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent **is-somma ta' tnax-il elf u sittin Euro (€12,060).**

Bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' intimata.

Spejjeż kollha kontra s-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**